K.L.B.L 52 /2/2008

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Bye-Laws ta' l-2008 dwar Xatt is-Sajjieda
(Kunsill Lokali San Ġiljan)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 34, 35(8) u 60 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali San Ġiljan għamel il-*Bye-Laws* li ġejjin:-

1.1 It-titolu ta' dawn il-*Bye-Laws* huwa *Bye-Laws* ta' l-2008 dwar Xatt is-Sajjieda (Kunsill Lokali San Ġiljan). Titolu u bidu fis-seħħ.

1.2 Dawn il-*Bye-Laws* jidħlu fis-seħħ mal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

2. F'dawn il-*Bye-Laws*, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:- Tifsir.

"arei msemmija" tfisser dawk l-arei msemmija mill-Kunsill kif muri fl-area mpinġija fil-pjanta li hemm fl-Iskeda A li tinsab ma' dawn il-*Bye-Laws*;

"Att" tfisser l-Att dwar Kunsilli Lokali;

"dgħajjes" tfisser kull bastiment mhux reġistrat bħala bastiment professjonali tas-sajd, Kategorija A - *Full time* fir-Reġistru tal-Bastimenti tas-Sajd, skond ir-Regolamenti ta' il-Bastimenti tas-Sajd;

"dgħajjes tas-sajd" tfisser kull bastiment reġistrat bħala bastiment tas-sajd professjonali. Kategorija A – *Full time* fir-Reġistru tal-Bastimenti tas-Sajd skond ir-Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Bastimenti tas-Sajd ; A.L. 407 ta' l-2004.

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan:

"lokalità" tfisser il-lokalità ta' San Ġiljan;

"vettura bil-mutur" tfisser kull vettura maħsuba biex tinsaq fuq l-art u mħaddma b'mod mekkaniku;

"Xatt is-Sajjieda" tfisser l-area mpinġija kif tidher fil-pjanta fi Skeda B li tinsab ma' dawn il-*Bye-Laws*.

Projbizzjoni ta' dgħajjes f'Xatt is-Sajjieda.

3.1 Ebda persuna ma tista' tqiegħed jew tħalli xi dgħajsa jew xi bastiment tas-sajd, inkluż xi karru li jintuża biex jinġarr dik id-dgħajsa jew bastiment jew xi oġġett ieħor relatat, f'xi parti ta' Xatt is-Sajjieda ħlief kif provdut f'dawn il-*Bye-Laws*.

Projbizzjoni ta' vetturi bil-mutur f'Xatt is-Sajjieda.

4.1 Ebda persuna ma tista' tidħol f'Xatt is-Sajjieda b'xi vettura bil-mutur ħlief biss biex iġġorr minn u għal l-arei msemmija xi bastiment tas-sajd awtorizzat mill-Kunsill sabiex din titqiegħed f'dak il-post skond dawn il-*Bye-Laws*, jew għal raġuni biss sabiex tiġi varata jew imtella' mill-baħar xi dgħajsa jew bastiment tas-sajd li jkollhom l-irmiġġ tagħhom reġistrat fil-Bajja ta' Spinola jew għal raġuni biss ta' trasport minn u lejn xi *boathouse* li tkun tinsab f'Xatt is-Sajjieda, xi dgħajsa jew bastiment tas-sajd li jkunu jinsabu ġewwa dik il-*boathouse* li tkun proprjetà tas-sid jew il-kerrej tal-*boathouse*, f'kull każ bħal dak skond dik il-proċedura li tiġi stabbilita mill-Kunsill.

4.2 Ebda persuna ma tista' f'ebda ħin tipparkja jew tħalli xi vettura bil-mutur f'xi parti minn Xatt is-Sajjieda.

Tqiegħed ta' dgħajjes tas-sajd f'arei msemmija.

5.1 Il-Kunsill għandu, bla ħsara għal dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet skond ma jħoss li jkunu xierqa, iħalli li jsir it-tqiegħed ta' bastimenti tas-sajd ta' daqs anqas minn 12-il metru li jkollhom l-irmiġġ tagħhom reġistrat fil-Bajja ta' Spinola, fl-area msemmija kif muri fl-Iskeda A li tinsab ma' dawn il-*Bye-Laws*, skond l-ispazju provdut, iżda għandha tingħata preferenza lill-bastimenti tradizzjonali magħmula mill-injam (luzzu, firilla, kajjik) u li jkunu miżbugħa b'kuluri tradizzjonali.

5.2 Is-sid tal-bastiment tas-sajd li jikkwalifika biex iqiegħed il-bastiment tas-sajd tiegħu fl-area msemmija skond ir-regolament 5.1, għandu l-ewwel japplika lill-Kunsill u l-Kunsill għandu, jekk dan japprova l-applikazzjoni, jiddeċiedi l-post eżatt fl-area msemmija fejn ikun ser jitqiegħed dak il-bastiment tas-sajd u jistabbilixxi l-pattijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu japplikaw għal dik l-awtorizzazzjoni.

5.3 F'każ li jkun hemm post disponibbli fl-area msemmija wara li jkun ġie allokat l-ispazju lis-sidien tal-bastimenti tas-sajd skond ir-regolament 5.1, il-Kunsill jista' jikkonsidra applikazzjonijiet għat-tqiegħed ta' inġenji tal-baħar f'area msemmija li jkunu ġew ippreżentati minn sidien ta' dgħajjes li jkollhom l-irmiġġ tagħhom reġistrat fil-Bajja

ta' Spinola, u li jkunu bastimenti reġistrati bħala bastimenti tas-sajd professjonali Kategorija B *part-time* fir-Reġistru tal-Bastimenti tas-Sajd, bi preferenza assoluta li tingħata lil dawk id-dgħajjes tradizzjonali magħmula mill-injam (luzzu, firilla, kajjik, frejgatina) u miżbugħa b'kuluri tradizzjonali; u fil-każ li wara li jkun ġie meqjus dan kollu jkun fadal aktar spazju fl-area msemmija, il-Kunsill jista' jikkonsidra applikazzjonijiet għat-tqegħid ta' inġenji tal-baħar fl-area msemmija li jsiru minn sidien ta' dgħajjes li jkollhom l-irmiġġ tagħhom reġistrati fil-Bajja ta' Spinola, jekk dawk id-dgħajjes ikunu magħmulin minn injam tradizzjonali (luzzu, firilla, kajjik, frejgatina).

6. Is-sid ta' dgħajsa, u, jew bastiment tas-sajd, u, jew karru u, jew vettura bil-mutur, ikun responsabbli li jikkonforma ruħu ma' dawn il-*Bye-Laws*.


7.1 Persuna li tikser xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws* jew ta' xi patt jew kundizzjoni imposta mill-Kunsill skond ir-regolament 5 ta' dawn il-*Bye-Laws* tista' meta tinsab ħatja, teħel ammenda ta' disgħa u sittin euro (€69) għal dik il-kontravvenzjoni, flimkien ma' ammenda oħra ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) għal kull jum li fih tkun tibqa' tikser xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws*. Penali.

7.2 Il-penali msemmija fis-subartikolu 7.1 huma bla preġudizzju għal kull azzjoni li jista' jieħu l-Kunsill jew xi awtorità oħra sabiex tneħħi, taħżen jew tiddisponi minn dgħajsa, bastiment tas-sajd, karru, vettura bil-mutur jew xi oġġett ieħor li jkun aċċessorju għal dawn li jkunu qegħdin jingombraw skond id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-1997 dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru, u mingħajr preġudizzju għal kull penali jew ammenda li tista' tkun tapplika taħt xi liġi jew regolament ieħor. A.L. 94 ta' l-1997.

(Artikoli 2, 5.1)

SKEDA A

Pjanta ta' Xatt is-Sajjieda, San Ġiljan, li turi l-arei msemmija fejn jistgħu jitqiegħdu dgħajjes tas-sajd



(Artikolu 2)

SKEDA B

Pjanta ta' Xatt is-Sajjieda, San Ġiljan.

